

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Lulju 2011

V vs Il-Parlament

(Kawża F-46/09) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Kundizzjonijiet ta' reklutaġġ — Kapaċità fiżika — Eżami mediku ta' reklutaġġ — Protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' informazzjoni ta' natura personali — Sigriet mediku — Trasferiment ta' informazzjoni medika bejn l-istituzzjonijiet — Dritt għar-rispett tal-ħajja privata)

(2011/C 282/92)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: V (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: É. Boigelot u S. Woog, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: K. Zejdová u S. Seyr, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrent: Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (rappreżentanti: M. V. Pérez Asinari u H. Kranenborg, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tal-parir mediku ta' inkapaċità fiżika tat-18 ta' Diċembru 2008 u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tar-revoka tal-offerta ta' impjieg li kienet saret qabel lir-rikorrent.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 li permezz tagħha l-Parlament Ewropew irrevoka l-offerta ta' impjieg li kien għamel lil V hija annullata.*
- (2) *Il-Parlament Ewropew għandu jħallas lil V is-somma ta' EUR 25 000.*
- (3) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- (4) *Il-Parlament Ewropew għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż tar-rikorrent.*
- (5) *Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, intervenjent, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

⁽¹⁾ ĠU C 11, 16.01.10.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' Lulju 2011 — Gozi vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-116/10) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Obbligu ta' assistenza — Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Rimbors tal-ispejjeż tal-avukati sostnuti fil-kuntest ta' proċedura għudizzjarja quddiem qorti nazzjonali)

(2011/C 282/93)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Sandro Gozi (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: G. Passalacqua, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għar-rimbors tal-ispejjeż li r-rikorrent sostna fil-kuntest ta' proċedura kriminali quddiem qorti ta' Stat Membru.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *S. Gozi għandu jbati l-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 55, 19.02.11, p. 38

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Lulju 2011 — Coedo Suárez vs Il-Kunsill

(Kawża F-73/10) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għad-danni — Deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba għad-danni, segwita minn deċiżjoni espliċita ta' ċaħda tal-imsemmija talba — Ilment preċedenti tardiv kontra d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda — Inammissibbiltà)

(2011/C 282/94)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Angel Coedo Suárez (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Zieleskiewicz u M. Bauer, aġenti)